MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 4/2000
Kawza Numru. 21

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Martin Vella bin il-mejjet Lawrence, Karta tal-Identita' numru 75665 (G), akkuzat:

Tali fis-6 t'Awissu 1999, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fi proceduri Civili xjentement gibt dokument falz u cioe' pprezentajt kopja ta' ircevuta ta' bejgh ta' ghamara meta fil-fatt il-bejgh qatt ma kien effettivament sehh, ai termini tal-Artikolu 103 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-Ligijiet ta' malta;

Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi tajt xhieda falza f'materja civili u cioe' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri nhar is-6 t'Awissu 1999, preseduta mill-Magistrat Dr. Paul Coppini Ll.D. fl-atti tas-subbasta numru 7/99 fl-ismijiet Francis Caruana Company Limited kontra Domenico Savio sive Savio Spiteri, ai termini tal-artikolu 106 u 108 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi s-socjeta' Francis Caruana Co. Ltd kellha konkluzi favur taghha proceduri fil-Qorti Superjuri t'Ghawdex kontra Savio Spiteri u irrikorriet ghal-procedura tas-subbasta biex tissodisfa il-kreditu dovut. Wara mandat ta' qbid fuq mobbli ezegwit kontra l-istess Savio Spiteri, l-imputat pprezenta ruhu bhala s-sid ta' xi oggetti u wera ricevuta in sostenn tal-allegazzjoni tieghu u minhabba f'hekk is-subbasta kienet sospiza;

Illi a fol 51 tal-process hemm hemm kopja mehuda mill-atti processwali fuq imsemmija Dokument A. din hija ricevuta datata 8 ta' Settembru 1998 li turi li Domenico Savio spiteri bejgh l-oggetti hemm imsemmija lill-imputat Martin Vella.

Illi a fol 56 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri kienet esprimiet id-dubju dwar il-veracita' tal-istess ricevuta meta il-mobbli baqghu fil-pussess tad-debitur. Ghalhekk ordnat li dak id-digriet jintbaghat lil-Kummissaru tal-Pulizija biex jara hemmx lok ta' proceduri kriminali kontra Martin Vella. L-imputat kien ukoll xehed fil-proceduri tas-Subbasta (kopja tal-process anness mal-atti in dizamina) u kkonferma ir-ricevuta kif ukoll li kien xtara l-istess oggetti hemm imsemmija. Wara indagini li ghamlet il-Pulizija, l-imputat kien irrilaxja stqarrija (fol 12 u 13) u ikkonferma li mhux veru li kien xtara l-oggetti msemmija fl-ircevuta u li kien xehed bil-kontra fil-Qorti fuq talba ta' Savio Spiteri biex ma jitlifx l-istess oggetti.

Illi d-difiza ipprezentat certifikat mahrug mill Consultant Psychiatrist li wara li ezamina lill-imputat ikkonkluda illi dan ma jafx jaqra u jikteb u li huwa ta' livell ta' intelligenza baxxa. Oltre dan jifehm bejn it-tajjeb u l-hazin izda mhux kapaci fi hsiebijiet komplessi;

Illi mill-ezami tal-atti jirrizulta illi l-imputat intalab jipprezenta ir-ricevuta falza minn Savio Spiteri sabiex dan ma jitlifx hwejjgu fis-subbasta. Huwa issostanzja ir-ricevuta fix-xhieda tieghu quddiem il-Qrati Civili u minn ezami semplici tat-traskrizzjoni de quo jirrizulta illi huwa iddefenda din ir-ricevuta u wiegeb b'mod evaziv fejn ried u meta issikat ghar-risposta gieli jghid li ma jiftakarx.

Id-difiza ma ressqitx l-eccezzjoni tal-infermita' mentali tal-imputat izda riedet tikkonvicni lill-Qorti illi l-imputat ma kellu ebda hsieb li jqarraq jew li jixhed il-falz ghaliex ma fehemx dak li talab minnu Savio Spiteri. Il-Qorti, izda hija konvinta li jezistu l-elementi kollha tar-rejati kif ravvizat fl-artikoli 103, 106 u 108 tal-Kodici Kriminali u senjatament il mens rea tal-imputat li jikkommetti ir-rejat bl-iskop li jghin lill-Savio Spiteri biex izomm il-pussess tal-ghamara mertu tal-mandat ta' qbid kontra tieghu.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-artikoli 103, 106 u 108 tal-Kap 9 u wara li rat il-fedina penali tal-imputat, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena mill-lum liema terminu ma jiddekorriz hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibble bi prigunerija sa zmien sentejn mill-lum skond l-artikolu 28 A tal-kap 9.

Inoltre il-Qorti qed tinterdixxi lill-imputat b'mod generali ghal-zmien hames snin mil-lum skond l-artikolu 109 tal-Kap 9 u spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------